Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,976, 16 ta' Diċembru, 2022
Taqsima B

A.L. 348 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal- Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali tal-2021 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master of Science – M.Sc. – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 219 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

Verżjoni Elettronika

"(3) L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jipprovdu evidenza tal-esperjenza tax-xogħol wara li ssir ir-reġistrazzjoni mal-kunsill regolatorju rilevanti fil-qasam tal-istudju propost jew fil-qasam ta' speċjalizzazzjoni, jekk applikabbli. L-inqas ammont ta' snin ta' esperjenza mitlub għandu jkun indikat waqt is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda għall-qasam tal-istudju tal-Health Systems Management and Leadership, l-applikanti għandu jkollhom mill-anqas tliet snin esperjenza ta' xogħol fis-settur tas-Servizzi tas-Saħħa, filwaqt li għall-qasam tal-istudju tal-Fiżjoterapija, l-applikanti għandhom ikunu attivi klinikament għal mill-anqas 5 sigħat fil-ġimgħa fit-tieni semestru tal-Kors sabiex iwettqu t-taqsima studju tal-pjazzament kliniku rilevanti."